MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2013

Numru. 477/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Hussein Abdullah Ramadan**

**Kumpilazzjoni Nru: 477/2013**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Hussein Abdullah Ramadan ta’ 25 sena, bin Abdullah u Fatima, imwieled l-Iraq nhar it-23 ta’ Novembru 1987, u joqghod gewwa Frizja Court, Penthouse 5, Triq Santa Margerita, Siggiewi u detentur tal-karta ta’ l-identita numru: 9000227(A) u dokument ta’ l-Immigrazzjoni bi numru 09C-101.

Akkuzat talli f’ dawn il-gzejjer, nhar il-15 ta’ Settembru 2013:

Ipproduca, biegh jew xort' ohra ttrafika r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur ta' l-Art 8(b) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli sar recidiv b' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr A.G. Vella LL.D nhar l-4 t' Ottubru 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 8(a)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'

l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sebgha (7) xhur prigunerija. I

l-Qorti qed tordna d-distruzzjoni a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti tas-sustanza esebita Dok NS5 u Dok NS6.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------